V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# KUMMISSJONI

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI — EAC/17/07

## Programm Kultura

## Organizzazzjoni u attribuzzjoni ta' Premju annwali għall-Litteratura ta' l-Unjoni Ewropea

(2007/C 163/04)

### 1. Introduzzjoni

Il-Programm Kultura ([1]) hu programm multi-annwali uniku għall-azzjonijiet Komunitarji fil-qasam tal-kultura, miftuħ għas-setturi kulturali kollha (li mhumiex awdjoviżivi) u għall-kategoriji kollha ta' operaturi kulturali.

Il-bażi tiegħu hu l-Artikolu 151 tat-Trattat tal-KE, li jistipula li l-Komunità tikkontribwixxi għat-twarrid tal-kulturi ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom, filwaqt li jiġi enfasizzat il-wirt kulturali komuni.

Fir-rigward tal-kapitolu l.3 "azzjonijiet speċjali" tal-programm, l-għan ta' din is-sejħa hu li tingħażel struttura li tkun responsabbli għall-organizzazzjoni u l-attribuzzjoni ta' Premju Ewropew annwali għal-Letteratura kontemporanja.

### 2. Għanijiet u Deskrizzjoni

Il-kotba u l-letteratura jokkupaw post ipprivileġġat fil-kultura u fl-iskoperta ta' l-oħrajn. Madankollu, lilhinn mis-sostenn għat-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji, jeżistu ftit inizjattivi ta' promozzjoni tal-letteratura fil-livell Ewropew. L-għan ta' dan il-premju hu li tiġi stabbilita azzjoni mmirata biex twassal viżibbiltà akbar tar-rikkezza letterarja (finzjoni) kontemporanja maħluqa fl-Ewropa.

L-għan ta' din is-sejħa hu li tintgħażel entità kapaċi li timplimenta, għall-2008, l-attribuzzjoni ta' premju ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-letteratura. Din l-entità tista' tkun responsabbli wkoll għall-premjijiet segwenti (mill-2009 sa l-2013), fuq bażi annwali, bi qbil espliċitu tal-Kummissjoni Ewropea.

L-entità magħżula għandha timplimenta l-elementi segwenti:

(a) Tagħżel talenti Ewropej ġodda fil-qasam tal-letteratura (finzjoni) kontemporanja mill-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fil-Programm Kultura u biex tippromwovihom fil-pajjiżi li jipparteċipaw barra pajjiżhom.

(b) Tipproċedi fin-nomina ta' personalità magħrufa fil-letteratura Ewropea li tiżgura r-rwol ta' Ambaxxatur ta' dan il-premju. Ir-rwol tiegħu se jkun li jappoġġa u li jippromwovi t-talenti l-ġodda msemmija fil-punt (a).

(c) Torganizza ċeremonja ta' l-għoti tal-premijiet filwaqt li tiżgura l-viżibbiltà ta' din l-inizjattiva u tad-dimensjoni Ewropea tagħha.

### 3. Skeda ta' Dati u Perjodu ta' eliġibilità

L-applikazzjonijiet għall-organizzazzjoni tal-premju 2008 għandhom jaslu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mis-**12 ta' Ottubru 2007**.

Għall-organizzazzjoni tal-premju 2008, l-attività li għandha tiġi kkofinanzjata għandha tibda mhux aktar tard mill-**15 ta' Marzu 2008**. Infiq li jsir qabel l-**1 ta' Jannar 2008** ma jiġix ikkunsidrat.

It-tul ta' żmien tal-perjodu ta' ammissibilità ta' l-ispejjeż għal kull konvenzjoni Komunitarja se jkollu massimu ta' 12-il xahar.

Hu previst li jitħabbar ir-riżultat tal-proċedura ta' selezzjoni fl-aħħar tliet xhur ta' l-2007.

L-iffirmar tal-konvenzjoni hu previst li jsir fl-ewwel tliet xhur ta' l-2008.

---
([1]) Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

## 4. **Baġit disponibbli**

Il-baġit allokat għal din l-azzjoni jammonta għal massimu ta' 200 000 EUR għall-organizzazzjoni kollha u l-attribuzzjoni ta' kull premju annwali (inklużi l-flus għall-premjijiet u n-nominazzjonijiet speċjali). Din il-kontribuzzjoni ma għandhiex taqbeż is-60 % tat-total eliġibbli ta' l-ispejjeż għall-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni proposti mill-applikant li jintgħażel għal kull sena tal-premju ([1]).

Is-sostenn Komunitarju se jingħata bil-kondizzjoni ta' tmiem tajjeb tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji.

L-ammonti msemmija f'dan id-dokument huma soġġetti għarrilaxx mill-awtorità baġitarja ta' l-approprjazzjonijiet neċessarji ta' kreditu.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

## 5. **Entitajiet Eliġibbli**

L-entitajiet applikanti għandhom ikunu pubbliċi jew privati, legalment attivi fil-qasam tal-letteratura u li jkollhom esperjenza ċċertifikata ta' mhux anqas minn sentejn fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet fuq skala Ewropea f'dan is-settur.

L-applikazzjonijiet ta' entitajiet li għandhom personalità legali u stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin huma eliġibbli:

— Is-27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 (il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, Spanja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit, is-Slovakkja, is-Slovenja, u l-Iżvezja;

— it-3 pajjiżi taż-ŻEE: in-Norveġja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein ([2]);

— il-pajjiżi kandidatai għall-adeżjoni ma' l-UE (it-Turkija, il-Kroazja, l-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja) ([3]);

— il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punenti (l-Albanija, il-Bosnija u Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, inkluż il-Kosovo (bis-saħħa tar-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti)) ([4]).

## 6. **Kriterji għall-għoti**

Il-proġetti eliġibbli se jiġu vvalutati fid-dawl tal-kriterji segwenti:

A. Il-konformità ma' l-għanijiet tas-sejħa għal proposti (0-5 punti)

— in-natura u l-adegwatezza tal-partenarjati u l-mekkaniżmi ta' selezzjoni tal-kotba ppremjati fil-livell nazzjonali;

— in-natura u l-adegwatezza tal-kriterji u l-mekkaniżmi tan-nomina tal-personalità Ewropea ppremjata għal xogħolha;

— l-adegwatezza tal-kunċett taċ-ċeremonja ta' l-għoti tal-premjijiet.

B. Esperjenza akkwistata u mobbilizzazzjoni ta' appoġġ fil-qasam tal-letteratura fil-livell Ewropew (0-5 punti)

— l-esperjenza fl-organizzazzjonijiet ta' inizjattivi simili fil-qasam tal-letteratura kontemporanja fil-livell Ewropew;

— il-kapaċità li jiġi mmobbilizzat l-appoġġ tas-settur tal-kotba kollu (kittieba, tradutturi, edituri, librara, bibljotekarji, qarrejja) u fuq skala Ewropea biex jiżdied l-impatt ta' l-operazzjoni,

C. Immaniġġjar tal-proġett (0-5 punti)

— il-kapaċità li jiġu organizzati, ikkoordinati u implimentati l-operazzjonijiet ta' l-għoti tal-premjijiet, notevolment is-selezzjoni fil-livell nazzjonali, skond l-għanijiet ta' din is-sejħa ta' proposti;

— il-kwalità tal-pjan ta' ħidma u ta' tal-pjanifikazzjoni, inklużi l-istrutturi tad-deċiżjonijiet u l-organizzazzjoni ta' partenarjati eventwali;

— ir-rilevanza tal-baġit fir-rigward ta' l-attivitajiet ippjanati.

D. Pjan ta' kommunikazzjoni u viżibbiltà (0-5 punti)

Il-livell ta' viżibbiltà, it-tixrid u l-esplojtazzjoni ta' l-attivitajiet ipprogrammati, se jiġu vvalutati skond il-kriterji segwenti:

— il-livell ta' promozzjoni ta' l-attivitajiet ipprogrammati notevolment permezz ta' diversi tipi ta' mezzi pubbliċitarji (*website*, rivisti, fuljetti, gazzetti, radju, TV, eċċ.) użati biex jagħmlu viżibbli l-attivitajiet f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej;

— il-livell ta' viżibbiltà tal-Kummissjoni Ewropea fid-diversi mezzi ta' promozzjoni u waqt iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet;

— ir-rilevanza u l-kwalità tal-"pjan tal-mezzi tax-xandir" fir-rigward ta' l-attivitajiet ippjanati u l-pubbliku milqut;

---

([1]) L-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikoli 167 u 172 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

([2]) Dan jiddependi mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fil-Programm il-ġdid Kultura għall-2007.

([3]) Dan jiddependi mill-konklużjoni tal-"Protokoll ta' Ftehim" li jirregola l-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fil-Programm il-ġdid Kultura għall-2007.

([4]) Dan jiddependi mill-konklużjoni tal-"Protokoll ta' Ftehim" li jirregola l-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi fil-Programm il-ġdid Kultura għall-2007.

— in-numru ta' persuni li jistgħu jintlaħqu (direttament u indirettament) bl-attivitajiet ipprogrammati (pubbliku/ benefiċjarji mmirati, attendenza, numru ta' parteċipanti, qarrejja, eċċ.).

Il-proġetti se jiġu vvalutati minn kumitat ta' valutazzjoni interna tal-Kummissjoni Ewropea. Se tinġabar lista kklassifikata tal-proġetti li rċevew ta' l-anqas erba' punti għal kriterju A u ta' l-inqas 14-il punt bħala total. Il-Kummissjoni se tagħmel użu minn din il-lista biex tiddeċiedi dwar l-attribuzzjoni ta' din l-għotja.

7. **Informazzjoni sħiħa**

It-test sħiħ għal din is-sejħa għall-proposti u l-formoli ta' l-applikazzjoni huma disponibbli fil-*website* li ġejja:

http://ec.europa.eu/culture/eac/index_en.html.

L-applikazzjonijiet għandhom l-obbligu li jwieġbu għall-kriterji ddefiniti fit-test sħiħ u li jiġu ppreżentati permezz tal-formola pprovduta.